**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**Supretendent Robert Vella**
**vs**
**Sylvana Armeni**

**Distrett Hamrun**

**Illum 2 ta' Frar, 2021**

Il-Qorti,

Rat lil Sylvana Armeni, detentrici tal-karta tal-identita' numru 19373(M).

Billi hi akkuzata talli nhar it-2 t'Ottubru, 2019, ghal habta ta' bejn 20:15 hrs u 21:00 hrs gewwa Triq il-Belt il-Hazna, Marsa:

1. Talli f'post pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali u dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli saret recidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioè affidavit ta' WPC 423 Charlene Delia, affidavit ta' PC 349 Daniel Caruana, affidavit ta' PC 321 Joseph Casha, okkorrenza mmarkata bhala Dok RV1, fedina penali mmarkata bhala Dok RV2, sentenza datata 23 ta' Lulju, 2013 immarkata bhala Dok MG1, sentenza datata 24 ta' Novembru, 2016 immarkata bhala Dok MG2, sentenza datata 10 ta' Novembru, 2016 immarkata bhala Dok MG3, sentenza datata 7 ta' Novembru, 2016 immarkata bhala Dok MG4, sentenza datata 24 ta' Novembru, 2016 immarkata bhala Dok MG5.

**WPC 423 Charlene Delia,** fl-affidavit taghha tispjega illi fit-2 t'Ottubru, 2019 ghal habta tat-8:15 p.m. harget fuq ronda ma PS 991, PC 321 u PC 349 bil-karozza tas-servizz gewwa t-toroq tal-Marsa, sabiex issir spezzjoni rigward il-prostituzzjoni. Meta ghaddew minn Sqaq Sannat, kantuniera ma Triq Belt il-Hazna, nnotat zewg nisa li kienu lebsin ilbies provokanti. Hija waqfet lil dawn iz-zewg nisa u talbithom id-dettalji personali taghhom, li rrizulta li kienu Josephine Grixti u Dalaia Zammit. WPC 423 tat lil dawn in-nisa struzzjonijiet sabiex jingabru gewwa d-dar taghhom u

ma jkomplux jitlajjaw fit-toroq. Waqt ir-ronda, WPC 423 innutat mara ohra fl-istess triq iktar il'fuq minn hanut bl-isem ta' Sammy's Snack Bar. Din il-mara twaqfet mill-pulizija u ntalbet taghti d-dettalji taghha li rrizulta li kienet certa Sylvana Armeni. Din ukoll inghatat struzzjonijiet tingabar id-dar taghha u giet infurmata li kienu se jinhagu akkuzi fil-konfront taghha.

**PC 349 Daniel Caruana**, jikkonferma li fit-2 t'Ottubru, 2019 flimkien ma PS 991, PC 321 u WPC 423 kienu qed jaghmlu ronda fit-toroq tal-Marsa sabiex issir spezzjoni rigward il-prostituzzjoni. Jikkonferma wkoll li gewwa Triq Sqaq Sannat inzerta zewg nisa u cioe' Josephine Grixti u Dalaia Zammit li wara li ntalbu jaghtu d-dettalji taghhom, inghataw struzzjonijiet sabiex jingabru gewwa d-dar taghhom u li akkuzi fil-konfront taghhom kienu se jinhargu mill-pulizija. Iktar tard waqt l-istess ronda, inzertaw mara ohra, cioe' Sylvana Armeni li wkoll wara li ntalbet sabiex taghti d-dettalji taghha, inghatat struzzjonijiet sabiex tirtira gewwa d-dar taghha u li akkuzi kontriha kienu se jinhargu mill-pulizija.

**PC 321 Joseph Casha**, jikkonferma li fit-2 t'Ottubru, 2019 flimkien ma PS 991, WPC 423 u PC 349kienu qed jaghmlu ronda fit-toroq tal-Marsa sabiex issir spezzjoni rigward il-prostituzzjoni. Jikkonferma wkoll li gewwa Triq Sqaq Sannat inzerta zewg nisa u cioe' Josephine Grixti u Dalaia Zammit li wara li ntalbu jaghtu d-dettalji taghhom, inghataw struzzjonijiet sabiex jingabru gewwa d-dar taghhom u li akkuzi fil-konfront taghhom kienu se jinhargu mill-pulizija. Iktar tard waqt l-istess ronda, inzertaw mara ohra, cioe' Sylvana Armeni li wkoll wara li ntalbet sabiex taghti d-dettalji taghha, inghatat struzzjonijiet sabiex tirtira gewwa d-dar taghha u li akkuzi kontriha kienu se jinhargu mill-pulizija.

**Ikkunsidrat:**

L-abbli difiza fit-trattazzjoni taghha tghid li illi mill-affidavits tax-xhieda ta' WPC 423 u PC 349 jinghad biss li raw persuna ta' sess femminili titlajja u ghal dak li jirrigwarda x-xhud l-iehor PC321 jindika li ra persuna aktar il-fuq u ma jindikax li kienet qeghda titlajja, izda ma hemm xejn fl-istess affidavits li jindika xi jfisser it-tlajjar jew x'kienet liebsa l-imputata u l-atteggjament taghha dak il-hin, u fl-istess difiza l-abbli difensur jaghmel ezami komparattiv dwar pulizija li jghid illi xi hadd ikun 'saq perikoluz' minghajr ma jaghti deskrizzjoni ta' kif kien is-sewqan biex jigi klassifikat bhala wiehed perikoluz.

Fil-kawza *Il-Pulizija vs Michael Falzon* deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Gunju 2002 gie ritenut illi l-kliem, *"jitlajja jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni" u ("loiters or solicits for the purpose of prostitution", fit-test Ingliz) ma jirrikjedix li jkun hemm l-element li wiehed idejjaq lil dak li jkun jew "importuning" billi wiehed ikun "petulanti, insistenti , nojjuz u koncetti simili". Bizzejjed li persuna tkun miexja jew tistenna f'post maghruf ghal skop ta' laqghat immorali jew ta' prostituzzjoni. Hemm umbaghad cirkostanzi ohra li jindikaw li t-tlajjar ikun qed isir ghal skop immorali, bhal meta jsir f' xi triq mudlama jew imwarrba jew xi gnien pubbliku mwarrab jew mudlam u f'post li jkun maghruf ghal dan l-iskop. L-element tat-thajjir umbaghad jista' jigi dezunt minn ilbies qasir u provokanti tal-persuna li tkun qed titlajja b'mod li jindika lil dak li jkun li dik tkun persuna abitwata u mixhuta fix-xoghol tal-prostituzzjoni u li qeghda hemm ghal dak l-iskop. L-element tac-"circumstantial evidence" huwa f'dan ir-reat evidentement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi il-veri intenzjoni ta' dak li jkun."*

Fis-sentenza fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Joseph Vella"* deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Mejju 1994 gie ritenut li:- *"Biex tirnexxi prosekuzzjoni taht l-art.7(2) tal-Kap.63 irid jigi ippruvat, fil-grad rikjest mill-ligi ghal procedimenti penali, li l-persuna akkuzata, tkun fit-triq jew f'post pubbliku jew espost ghal pubbliku, tlajjat (loitered) jew ghamlet biex thajjar (solicited) ghal skop ta'*

*prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova tista' issir permezz, u tista' tirrizulta minn, diversi cirkustanzi mehuda wahedhom jew flimkien, bhal, per ezempju, diskors li intqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna iddum f'post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkustanzi ohra. Fil-kaz "Behrendt vs Burridge" (1977)1 W.L.R 29, prostituta giet ritenuta li kienet qed taghmel biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni billi semplicement qaghdet liebsa skullata fuq banketta gholja wara l-hgiega ta' tieqa li kienet taghti ghat-triq illuminata b'dawl ahmar. Dan il-kaz qed jigi iccitat proprju ghax kien jikkoncerna d-disposizzjoni ta' l-Street Offences Act 1959 li fuqha gie immodellat is-subartikolu (2) tal-artikolu 7 tal-Kap.63."*

Fil-kawza, "*Il-Pulizija vs Tracey Borg*", Appell Kriminali numru 143/2017 datat, 9 ta' Jannar 2020, nghad hekk, *"…it-tlajjar jew kif inhu maghruf bl-ingliz "loitering" f'post pubbliku huwa l-att materjali li iwassal ghal kostistuzzjoni tar-reat, izda dan il-fatt irid necessarjament ikun akkompanjat bl-intenzjoni kriminuza u cioe' illi l-att fiziku tat-tlajjar ikun qed isir ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Issa kif ser tigi ippruvata din il-mens rea jekk mhux bi provi cirkostanzjali li maghdudin flimkien jistghu iwasslu ghal din il-konvinzjoni lil hinn munn kull dubbju."*

Ikkunsidrat;

Illi minn ezami ta' l-affidavits tax-xhieda WPC 423 Charlene Delia, PC 349 Daniel Caruana u PC 321 Joseph Casha jemergu s-segwenti fatti:

1. Illi l-imputata giet osservata fi Triq il-Belt il-Hazna nhar it-2 t'Ottubru 2019 bejn l-20:15hrs u 21:00hrs;

2. Illi fil-fehma ta' dawn l-ufficjali tal-pulizija din il-persuna kienet qed titlajja u thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni fl-istess akwati.

3. Avvicinata minn dawn l-ufficjali l-imputata intalbet biex titlaq mill-post.

4. L-ufficcjali li xehdu ma jindikawx x'kienet liebsa l-imputata.

Illi f' dan il-kaz ma hemmx dubju li l-post fejn instabet l-imputata, fit-2 t'Ottubru 2019 filghaxija, hu post maghruf ghall-prostituzzjoni. Lil din il-Qorti ma jirrizultalhiex x'kienet liebsa l-imputata, ghalkemm giet avvicinata mill-istess ufficjali xhieda biex ma tibqax fl-istess post, u l-istess xhieda ma jindikawx lanqas jekk l-istess imputata meta mitluba biex titlaq u tmur lura fir-residenza taghha effettivament telqitx jew le.

Hawnhekk, Triq Belt il-Hazna, huwa post li maghruf ghall-prostituzzjoni u dan skond diversi sentenzi tal-Qrati taghna. Kif ukoll, minn dak li jirrizulta mill-fedina penali ta' l-imputata ipprezentata jidher li din mhux l-ewwel darba li l-imputata tressqet il-Qorti fuq rapport li ghandhom x'jaqsmu ma' l-istess imputazzjoni li l-imputata hija akkuzata taghha llum.

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni din il-Qorti m'ghandiex l-icken ombra ta' dubju li l-imputata kienet hemm f'dawk il-hinijiet ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali u xejn iktar. L-imputata lanqas ma offriet spjegazzjoni ghall-prezenza taghha f'dak il-post f'dawk il-hinijiet dak in-nhar li almenu tissodisfa sal-grad tal-probabbli ghalfejn dak in-nhar l-imputata kienet qeghda Triq Belt il-Hazna, l-Marsa.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tara li l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputata giet sodisfacentement pruvata.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza u cioe' dik tar-recidiva, din il-Qorti ezaminat l-atti tal-process u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li hemm hames sentenzi ezebiti lkoll moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, datati 10 ta' Novembru 2016, 7 ta' Novembru 2011, 23 ta' Lulju 2013, 24 ta' Novembru 2016 u ohra fl-istess data ta' l-24 ta' Novembru 2016, izda l-ebda wahda minn dawn id-dokumenti ma huma awtentikati ai termini ta' l-Artikolu 49(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-aggravant tar-recidiva ma jistax jitqies bhala pruvat.

Illi dwar il-piena, mill-fedina penali aggornata tal-appellanti jirrizulta lil mill-2004 'l
hawn hija instabet hatja mill-Qrati mhux inqas minn hdax (11)-il darba u parti sostanzjali minn dawn l-akkuzi kienu proprju jirrigwardaw akkuzi ta' tlajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali. Jidher li nstabet ukoll hatja ta' pussess semplici ta' sustanzi illeciti, li saqet vetturi minghajr licenzja u li ezercitat jew kellha sehem f'burdell. Il-Qrati dejjem imxew b'mod kajman maghha probabbilment biex jaghtu lill-imputata diversi tentattivi biex tipprova tirranga hajjitha, izda l-imputata, almenu skond dak li jirrizulta mill-fedina penali taghha, baqghet tippersisti f'hajja kriminali u refrettarja, u dan minkejja c-cansijiet diversi li nghatat tul is-snin.

Ghalhekk ma jistax ikun li l-imputata tibqa' taghmel li trid, ma tistax tibqa' temmen li hi 'l fuq mil-ligi u hemm bzonn li tifhem sew u serjament li ladarba tizbalja ser issib l-id tal-haqq skond il-ligi.

Ghal din ir-raguni l-Qorti m'ghandha l-ebda triq ohra ghajr li tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront ta' l-imputata.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputata **Sylvana Ameni** hatja ta' l-ewwel (1) imputazzjoni fil-konfront taghha, ma ssibiex hatja tat-tieni (2) imputazzjoni u cioe' ta' l-aggravant tar-recidiva, u tikkundannha ghal perjodu ta' erbghin (40) gurnata prigunerija effettiva.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**